# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 2415/98mm**

**Paul u Pija Giordmaina**

**vs**

**Maria Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Michael Borg, Rita Parta, Victoria Sutton, Antonia Pace, Marthese Pace u Paul Pace**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u sittin liri Maltin u hamsin centezmu

(Lm568.50) rapprezentanti hlas ta' successjoni fuq l-appartament numru 2, li tidhol ghalih minn numru 11, Triq il-Knisja, San Pawl il-Bahar, liema fond gie mholli lill-konvenuti b'titolu ta' legat permezz ta' testment sigriet tat-22 ta' April, 1998, u li gie miftuh u ippubblikat min-nutar Dr. George Cassar fl-20 ta' Lulju, 1992, liema successjoni thallset mill-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru, 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas, kontra konvenuta nomine li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuta nomine twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta nomine naqset u ma dehritx, la fl-20 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta nomine.